# Smigħ Tikka Malti 3b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq www.merlinpublishers.com/tikkamalti/3/podcasts.html**

## Taqsima 6: Draguni u dinosawri

*Paġna 9*

### Id-dragun Ċiniż u d-dragun Malti

Mhux kull dragun l-istess. La fil-kulur u lanqas fil-karattru. Dak Ċiniż aħmar nar u d-dragun Malti aħdar ħaxix. Id-dragun Ċiniz twil immens u l-Malti ħafna iqsar minnu. Anke l-karattru tagħhom differenti! Id-dragun Malti ma tiċċajtax miegħu għax malajr jurik snienu: ribelluż, makakk u aħrax. Filwaqt li dak Ċiniż iktar timidu, ħanin, mans u mhux ta' min jibża' minnu.

*Paġna 12*

### Fatti u fantasija

Id-dinosawri kienu jeżistu miljuni ta' snin ilu. Dan nafuh għax instabu ħafna fossili f'pajjiżi u kontinenti differenti. Id-draguni qatt m'eżistew ħlief fl-istejjer tal-kbar jew tat-tfal. Allura d-draguni ngħidu li huma maħluqa mill-immaġinazzjoni tal-awturi. Hemm xi affarijiet li d-draguni u d-dinosawri għandhom l-istess u hemm affarijiet oħra li huma differenti. Pereżempju, kemm id-dinosawri kif ukoll id-draguni huma slavaġ, għandhom denbhom twil u għandhom ukoll id-dwiefer. Imma hemm ħafna affarijiet li mhumiex komuni: id-dinosawri mhux kollha jtiru filwaqt li d-draguni iva. Id-dinosawri ma jtajrux nar u jieklu l-laħam, il-ħaxix jew it-tnejn. Imma d-draguni jtajru n-nar jaħraq u jieklu minn kollox.

*Paġna 15*

### Lara u l-karnival

Dis-sena għall-karnival se nilbes ta' dragun minn rasi sa saqajja. Iz-ziju ħietli kostum aħdar bi ġwienaħ kbar u mmewġa, denb twil u bil-pizzi, snien ippuntati, għajnejn imqabbżin, dahar niggieżi, ingwanti daqsiex, qliezi wesgħin u dwiefer jaqtgħu. Tgħidx kemm se nbeżża' nies!

*Paġna 19*

### Il-kavallier tar-Re Piju

Jien kuntent naħdem mar-re Piju. Xogħli noqgħod għassa mal-kanċell ta' wara tal-palazz. M'ilux attakkawna tliet manigoldi. Smajt il-ħsejjes minn qalb il-ħaxix u għall-bidu ħsibtu xi volpi. Sejjaħt lil Paskal li kien rieqed mal-ħajt. "Paskal," għedtlu, "qum, għax hawn xi ħaġa tiċċaqlaq." Lestejt ix-xabla u ntfajt b'ruħi u ġismi quddiem il-kanċell. U lanqas ilħaqt spiċċajt il-kelma li ma qabżux fuqi tliet irġiel kbar b'wiċċhom mgħotti. Paskal, rieqed kien u rieqed baqa' u dil-biċċa xogħol kelli neħodha f'idejja. F'ħakka

t'għajn tajjartilhom ix-xabla minn idhom u niżlu għarkupptejhom quddiemi jitolbuni l-ħniena. Ġabuli qalbi ġunġliena jibku kemm jifilħu, u għalhekk widdibthom biex ma jerġgħux jagħmluha u ħarbu b'kemm kellhom saħħa.

## Taqsima 7: Kemm inħobb naqra

*Paġna 27*

**Il-ħallelin għajjenin**

Tliet ħallelin għajjenin
u żewġ baħrin imfattrin
qamrilhom jisirqu l-vjolin ta' Kilin
mill-każin fin fin fin ta' Ġużi l-miskin
ħa jdoqquh taħt il-gallarija mimlija
ġiżimin, peprin u plattin bit-tin
ta' Charlene Darmanin mill-Iklin
li fi ftit snin se tagħlaq tmenin,
imma l-ħallelin, kienu wisq reqdin
u l-baħrin kienu wisq mitluqin
u la serqu l-vjolin
la daqqu 'l Charlene
għax x'waħda din … sarilhom il-ħin!

*Paġna 30*

**Ħsejjes fil-kastell**

Lisa u Francesco, tewmin ta' 9 snin, jgħixu ftit 'il bogħod minn kastell qadim. Fil-kastell joqgħod il-Professur Mantell. Is-soltu ħadd ma jersaq lejn dan il-kastell imma dan l-aħħar raw karozza ġejja u raw lil xi ħadd dieħel. U minn mindu hemm xi ħadd ieħor mal-Professur, Lisa u Francesco bdew jisimgħu ħafna ħsejjes strambi: laned, u baned, jew bombi u trombi ... Għalhekk darba waħda jiddeċiedu li jmorru jinvestigaw. Tgħid jirnexxilhom jidħlu fil-Kastell? U fuq kollox, tgħid isiru jafu min hu dan il-ħabib il-ġdid tal-Professur Mantell?

## Taqsima 8: Djarji u orarji

*Paġna 32*

**Id-djarju tiegħi**

*(Tħaxwix ta' karti jitqallbu)* Ħa nara naqra x'għandi llum għax jien tgħidx kemm ninsa ta. Dad-djarju xtratuli l-mamà ftit qabel ma bdejna skola. Għax mingħajru nħawwad jien. Jekk ma niktibx kollox, ninsa nagħmel il-HW tal-Maths, tal-Ingliż, tal-Malti. Wara l-iskola tgħidx kemm ikolli affarijiet jien u nkella żgur ninsiehom kollha. Ninsa mmur il-Mużew, ninsa l-klarinett, ninsa mmur il-futbol … e, nini nini, dak ma ninsieh qatt!

*Paġna 36*

*Reġa' Sebaħ*
ta' Trevor Żahra

Ix-xemx telgħet!
Reġa' Sebaħ!
Oh xi ħlewwa!
Xi pjaċir!
Ilbes ħaffef,
Iġri w ġerri
Kulħadd donnu
Irid itir!

Missieri jlesti l-*breakfast*,
Ommi tgħaddi l-ħwejjeġ,
Missieri jqajjem lil Bobby,
Ommi tlesti l-*lunch*,
Missieri jlibbes lil Bobby,
Ommi tidħol tinħasel,
Bobby jpixxi taħtu,
Missieri jitlagħlu San Filep,
Bobby jibda jwerżaq,
Ommi trid taf x'gara,
Missieri biddillu l-ħarqa,
Bobby jwerżaq aktar.

Ommi toħroġ mill-banju,
Missieri jidħol flokha!
Isa, ħaffu, mexxu,
It-tmienja neqsin kwart,
Ħaffu f'ġieħ is-sema,
Għax żgur se naslu tard!

Jien kilt il-*breakfast* waħdi,
Inħsilt
U lbist
U tlaqna lkoll inħaffu mhux bi ftit:
Baqa' biss waħdu l-amorin ġol-gaġġa,
Igawdi x-xemx u s-sikta ta' jum ġdid.

Ix-xemx telgħet!
Reġa' sebaħ!
Oh xi ħlewwa dan il-jum!
Naqta' nifsi f'dit-tellieqa,
Kull filgħodu malli nqum!

*Paġna 43*

**Is-Sibt kemm għandi x'nagħmel**

Aaa, is-Sibt. Is-Sibt! Is-Sibt!!! Ma nafx int imma l-ġurnata tas-Sibt tiegħi mimlija daqs bajda. Nibda billi mmur id-drama. Nagħmel mid-disgħa sal-għaxra. Fl-għaxra mmur nixtri mal-mamà. Wara mmur mal-papà għand in-nannu. Noqgħod ngħinu fil-ġnien. Niekol mal-familja fis-siegħa. Imbagħad ngħin lill-mamà taħsel il-platti. Jien noqgħod nixxotta. Wara l-platti, nitilgħu nonxru l-ħwejjeġ. Imbagħad nieħu lil Sheba dawra sal-bandli. Il-bandli niltaqa' ma' Sammy li wkoll idur dawra bil-kelba tiegħu. Għal xi l-erbgħa ngħin lill-papà fil-garaxx. Niżbarazza, naħsel il-karozza, inpoġġi l-affarijiet f'posthom. Fis-sitta jkolli aptit noqgħod nilgħab bil-kompjuter. Imma x'tilgħab? Dak il-ħin iddoqq il-qanpiena. Tiġi n-nanna u noħorġu xi passiġġata magħha, jew inkella naraw xi film. Imbagħad immorru nieklu u fi tmiem il-ġurnata tista' tobsor kif inkun! Għajjien mejjet.

## Taqsima 9: L-isports

*Paġna 49*

**It-tifla li ġġemma' l-kupuni**

Jiena nġemma' l-kupuni tan-nies li jagħmlu l-isport. Dawn insibhom maċ-ċikkulata. Kull kupun ikollu ritratt u ħafna informazzjoni dwar xi ħadd famuż, bħal fejn twieled u meta. Daqqa dwar xi ħadd li jilgħab it-tennis bħal Serena Williams, daqqa dwar xi ħadd li jilgħab il-futbol bħal Michael Mifsud … B'kollox diġà għandi għoxrin, u l-iktar kupun li togħġobni hu ta' Suzanne Buttigieg il-ġinnasta għax jien la nikber irrid insir bħalha.

*Paġna 56*

**Il-passju**

Uuu kemm konna nilagħbu passju fi żmieni! Għax biex taqbad tilgħab? Taqbad ġebla, tpinġi disa' kaxxi mal-art, tikteb in-numri minn wieħed sa disgħa, u tibda hux? L-ewwel titfa' l-ġebla u trid tara li tiġik fin-numru t-tajjeb. Jekk tiġi fuq il-linja jew fuq xi numru ieħor, ma tgħoddx! Imbagħad tibda taqbeż sa ma tasal san-numru disa' u lura, u trid tara li ma tirfisx il-kaxxa fejn hemm il-ġebla jew li taqa'. Trid tibqa' għaddejja sakemm iddur in-numri kollha. U min jispiċċa l-ewwel jirbaħ hux! Dejjem jien kont nirbaħ — mela aħna ċajt?

*Paġna 57*

*Pizzi pizzi kanna*

Pizzi pizzi kanna
Dolorers ta' Sant'Anna
Sant'Anna tal-Morina
Tini biċċa pellegrina
Magħref tal-fidda

Bandieri tal-ħarir
Noli kannoli
Insara qaddisin.

*Iż-żunżana ddur iddur*

Iż-żunżana ddur iddur
Fuq il-bejt tal-kaċċatur
Meta tasal taħt il-mina
Tagħmel Żinn, Żann, Żunn!

## Taqsima 10: L-ambjent ta' madwari

*Paġna 70*

**Il-vjaġġ tar-riċiklaġġ**

Ta' kuljum noħorġu borża skart quddiem il-bieb. Ġieli tkun sewda. Ġieli tkun ħadra jew griża. Ġieli mmorru narmuh fl-iskips fit-tarf tar-raħal. Il-borża li nħallu wara l-bieb jiġborha trakk taż-żibel. Hemm postijiet fejn jiġbruh filgħodu u hemm irħula fejn jiġbruh filgħaxija. Imbagħad l-iskart jiġi sseparat. Il-karti jitfgħuhom għalihom. Il-landa u l-plastik ukoll. Xi materjali jerġgħu jintużaw. Hemm skart li ma jerġax jintuża. Dan jintrema f'postijiet apposta.

*Paġna 71*

**Kemm taf tissepara?**

Aħna nieħdu ħsieb l-ambjent kemm nifilħu. Il-ħwejjeġ flok narmuhom, nagħtuhom lit-tfal tal-istitut jew it-tfal immigranti. U meta jifdal l-ikel nieklu minnu l-għada u mhux naqbdu u narmuh. Sa ftit tas-snin ilu, l-iskart kollu kien jintrema f'borża waħda: il-borża s-sewda. Sew jekk ikunu fliexken tal-ħġieġ jew tal-plastik, bottijiet tal-landa jew biċċiet tad-drapp, kif ukoll karti, kartun u fdalijiet tal-ikel. Imbagħad jiġi t-trakk taż-żibel jiġbor il-boroż is-suwed minn wara l-bieb tan-nies u joħodhom f'post fejn jintremew il-boroż is-suwed. Imma maż-żmien, bdejna nisseparaw l-iskart sabiex ftit minnu jkun jista' jerġa' jintuża.

Il-fdalijiet tal-ikel narmuhom fil-borża l-bajda. Din il-borża tintuża għall-iskart organiku. Fiha narmu wkoll żerriegħa, ikel nej, qxur, ħamrija, boroż tat-te, ħaxix, u ikel tal-annimali. Il-karti, il-plastik, il-kartun u l-materjali tal-landa narmuhom fil-borża griża jew ħadra. Din noħorġuha darba f'ġimgħa. Daqqa t-Tlieta u daqqa l-Ġimgħa. Fil-kaxxa mhux l-ewwel darba li sibna lil Mixu l-qattus rieqed, imma malajr ingerrxuh minn hemm, biex inpoġġu l-flixkien tal-ħġieġ. Fir-raħal tiegħi il-ħġieġ jinġabar darba f'xahar. Il-borża s-sewda nużawha biss għall-kumplament. Bin-naqra ta' kulħadd l-ambjent inżommuh pinna!

*Paġna 72*

Das-sajf se mmur fuq vapur kbir fil-Mediterran. Se nkunu familja sħiħa: jien, il-ġenituri, ħuti, in-nanniet, iz-zijiet. Kulħadd f'daqqa. Naħseb se nġennuh vapur! Imbagħad, meta niġu lura, se ngħin lill-papà biex inbajdu d-dar. Se nibda mmur ngħum mal-kuġini kull nhar ta' Sibt u Ħadd. Se niekol ħafna frott tas-sajf bħad-dulliegħ u l-bettieħ. Tgħidx kif jinżilli għasel. Forsi naqra ftit u nikteb ftit. Le, mhux vera, qed niċċajta. Se naqra ktieb fil-ġimgħa. Hekk qaltilna nagħmlu Miss Sandra. U jien dejjem nobdiha lill-Miss. Se nżomm djarju wkoll u nikteb fih dak kollu li nagħmel. Imbagħad meta nerġa' nibda skola se nurih lill-għalliema l-ġdida.